MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2012

Numru. 347/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Tonna]**

**Vs**

**Nazzareno Grech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nazzareno Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 233990M

Akkuzat talli f'diversi dati u hinijiet differenti gewwa Wied il-Ghajn u l-Gzejjer Maltin matul dawn l-ahhar tlett snin ikkommetta atti b'rizoluzzjoni wahda u cioè:

1. Kien fil-pussess ta' arma tan-nar tal-ghamla Renato Da Gamba (senter) kif ukoll diversi skratac ta' kalibru differenti, minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-

Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kapitolu 480 artikolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli taht l-istess cirkostanzi, garr, fl-abitant u bnadi ohra l-istess arma fl-ghata jew minghajra, minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija wkoll bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli taht l-istess cirkostanzi zamm u garr l-istess arma minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 27 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli taht l-istess cirkostanzi meta gie f'pussess ta' arma tan-nar naqas li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli taht l-istess cirkostanzi talli laqa' ghandu jew xtara senter tal-Marka Renato Da Gamba hwejjeg li setghu gew b'qerq jew indahal sabiex imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli taht l-istess cirkostanzi f'diversi bnadi tal-gzejjer ta' Malta spara l-istess arma tan-nar f'postijiet vicin l-abitant jew f'toroq pubblici u dan bi ksur tal-Artikolu 24 (2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli llum l-1 t'April 2012 gewwa wied il-ghajn u cioè minn triq il-Bajja sa il-Wied ta' Wied il-Ghajn:

1. kien jew ittanta li jkun ghall-Kacca waqt Stagun maghluq u go post ipprojbit ghall-kacca minghajr licenzja mahruga mill-awtoritajiet kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 12(1) tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli waqt stagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar ippruvajt tikkaccja jew tiehu xi ghasfur kif elenkat

fl-iskedi u dan bi ksur tal-Artikolu 18(1) (c) tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli garr l-arma tan-nar imsemmija ikkargata f'distanzi ta' inqas minn 50 u 200 metru mill-abitant u dan bi ksur tal-Artikolu 18 (2) (a) tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess lok u taht l-istess cirkostanzi ipprova jikkaccja ghasafar billi kien fil-pussess ta' arma semi-awtomatika jew awtomatika b'kompartiment ghall-iskartac li kapaci jzomm iktar minn zewg tiri ta' munizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (K) tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli fl-istess lok u taht l-istess cirkostanzi zamm l-istess arma kkargata f'postijiet ipprojbiti kemm gewwa l-ghata jew barra l-ghata u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-legislazzjoni sussidjarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tordna l-konfiska tal-imsemmija arma u skratacc bhala parti formanti mill-corpus delicti u dan bi ksur tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll f'kaz ta' htija tordna li l-imputat ghandu jkun skwalifikat milli jottjeni kull licenzja kemm sabiex izomm jew igorr armi tan-nar, kif ukoll licenzja ghall-kwalsiasi kacca ghall-zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb hati tal-akkuzi kollha dedotti kotnrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Wara li rat l-Artikoli 5, 27(2), 41 tal-Kap 480, l-Artikolu 334(b) tal-Kap. 9, l-Artikolu 24(2) tal-Kap. 33, l-Artikoli 12(1), 18(1)(c), 18(2)(a), 7(K) u 17 ta' L.S. 504.71, qeghda ssib lill-imputat Nazzareno Grech hati tal-akkuzi kollha u stante li l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) akkuza huma assorbiti fit-tieni (2) akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed

tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2).

Inoltre, tordna wkoll il-konfiska tal-arma tan-nar u munizzjon favur il-Gvern ta’ Malta u l-iskwalifika tal-licenzja tan-nar ghal zmien hames (5) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------